

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**tat-3 ta' Diċembru 2014****li temenda d-Deċiżjoni 2008/866/KE, dwar miżuri ta' emerġenza li jissospendu importazzjonijiet mill-Perù ta' ċerti molluski bivalvi maħsuba għall-konsum mill-bniedem, fir-rigward tal-perjodu tal-applikazzjoni tagħha**

(notifikata bid-dokument C(2014) 9113)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2014/874/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jstabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-ikel u jstabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1)(b)(i) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali li jirregolaw b'mod ġenerali l-ikel u l-għalf, u b'mod partikolari s-sikurezza tal-ikel u tal-għalf, fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali. Dan jistipula miżuri ta' emerġenza fejn huwa evidenti li ikel jew għalf importat minn pajjiż terz x'aktarx huwa ta' riskju serju għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għall-ambjent, u li riskju bħal dan ma jistax jittrażżan b'mod sodisfaċenti permezz ta' miżuri meħuda mill-Istat Membru/Istati Membri kkonċernat/i.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/866/KE ⁽²⁾ ġiet adottata wara tifqigħa tal-Epatite A fil-bnedmin relatata mal-konsum ta' molluski bivalvi importati mill-Perù li kienu kkontaminati mill-vajrus tal-Epatite A (HAV). Dik id-Deċiżjoni inizjalment kienet tapplika sal-31 ta' Marzu 2009, imma dan il-perjodu ta' applikazzjoni kien ġie estiż sat-30 ta' Novembru 2014 bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/636/UE ⁽³⁾.
- (3) L-Awtorità Kompetenti Peruvjana ntalbet tipprovdi garanziji sodisfaċenti biex tassigura li n-nuqqasijiet identifikati fir-rigward tas-sistema ta' monitoraġġ għad-detezzjoni tal-vajrus f'molluski bivalvi ħajjin ġew ikkoreġuti. B'mod partikolari, għandhom jiġu ppreżentati r-riżultati tal-programm ta' monitoraġġ tal-gandoffli Donax (*Donax spp.*). Minkejja l-fatt li l-gandoffli Donax (*Donax spp.*) ikkawżaw it-tifqigħa tal-Epatite A fil-bnedmin, sa issa r-riżultati tal-programm ta' monitoraġġ għal din l-ispeċi għadhom ma ġewx ippreżentati lill-Kummissjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma tistax tikkonkludi li s-sistema ta' kontroll u l-pjan ta' monitoraġġ li hemm fis-seħħ bħalissa fil-Perù għal ċerti molluski bivalvi huwa kapaċi jagħti l-garanziji meħtieġa mil-liġi tal-Unjoni. B'riżultat ta' dan, il-miżuri ta' emerġenza għandhom jinżammu.
- (4) Għalhekk, il-limitu tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/866/KE għandu jiġi emendat kif xieraq.
- (5) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 2008/866/KE, id-data "30 ta' Novembru 2014" għandha tinbidel bid-data "30 ta' Novembru 2015".

⁽¹⁾ ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.⁽²⁾ Id-Deċiżjoni 2008/866/KE tat-12 ta' Novembru 2008 dwar miżuri ta' emerġenza li jissospendu importazzjonijiet mill-Perù ta' ċerti molluski bivalvi maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 307, 18.11.2008, p. 9).⁽³⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/636/UE tal-31 ta' Ottubru 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2008/866/KE dwar miżuri ta' emerġenza li jissospendu importazzjonijiet mill-Perù ta' ċerti molluski bivalvi maħsuba għall-konsum mill-bniedem, fir-rigward tal-perjodu tal-applikazzjoni tagħha (ĠU L 293, 5.11.2013, p. 42).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Diċembru 2014.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni
